Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 31 ta' Lulju 2023**
**(OR. en)**

**12258/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0288(COD)**

**SOC 560**
**EMPL 393**
**CODEC 1461**
**STATIS 50**
**ECOFIN 812**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Lulju 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 459 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 459 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 459 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2023
COM(2023) 459 final

2023/0288 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 295 final} - {SWD(2023) 265 final} - {SWD(2023) 266 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji (LMB) hi statistika uffiċjali li tiddeskrivi l-funzjonament tan-negozji fir-rigward tas-swieq tax-xogħol. L-oqsma koperti mil-LMB għandhom x'jaqsmu l-aktar mal-istatistika dwar il-livell, il-kompożizzjoni u l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi, dwar id-distribuzzjoni u l-istruttura tal-introjtu (inkluż id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri), u dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti.

L-UE teħtieġ statistika tas-suq tax-xogħol Ewropew fil-ħin, affidabbli u komparabbli dwar in-negozji biex tkun tista' taqdi dmirha skont l-Artikoli 2, 3 u 4 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-istatistika Ewropea tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji hija meħtieġa għat-tfassil, għall-implimentazzjoni u għall-evalwazzjoni tal-politiki tal-UE, b'mod partikolari l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi (l-Artikolu 2(3)), il-politika monetarja (l-Artikolu 3(1c)), il-politika soċjali (l-Artikolu 4(2b)) u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (l-Artikolu 4(2c)), kif ukoll il-paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa (l-Artikolu 157(1)).

L-istatistika tal-LMB dwar il-livell u l-istruttura tal-kostijiet lavorattivi ilha tinġabar mill-1959[1], b'perjodiċità ta' bejn sentejn u 4 snin abbażi ta' leġiżlazzjoni speċifika għal kull ġbir tad-*data*, u kopriet setturi ekonomiċi differenti (fosthom l-industrija, id-distribuzzjoni bl-ingrossa u bl-imnut, it-trasport bit-triq, u s-servizzi bankarji u l-assigurazzjoni, u servizzi oħra). Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 introduċa l-ġbir sistematiku tad-*data* dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-kostijiet lavorattivi (stħarriġ dwar il-kost lavorattiv) għall-2000 u mbagħad kull 4 snin. L-istess att stabbilixxa l-istatistika dwar l-istruttura u d-distribuzzjoni tal-introjtu (stħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu) għall-2002 u għal xahar rappreżentattiv ta' dik is-sena, u mbagħad kull 4 snin. Qabel ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol, id-*data* dwar l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi kienet ilha tinġabar b'mod volontarju mill-1996. Bl-istess mod, ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill stabbilixxa l-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti bħala ġbir tad-data regolat. Qabel, din kienet tinġabar b'mod volontarju.

L-evalwazzjoni li għamlet il-Kummissjoni wriet li l-qafas legali attwali tat-tliet atti msemmija hawn fuq tejjeb ġmielha l-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji b'mod ġenerali. Dik l-istatistika tqieset koerenti, effiċjenti, ġeneralment komparabbli maż-żmien u bejn il-pajjiżi tal-UE, u affidabbli. Tintuża ħafna mill-organizzazzjonijiet u minn dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha.

Iżda xi limitazzjonijiet tal-istatistika li diġà kienu magħrufin waqt l-adozzjoni tal-atti legali (partijiet neqsin tal-ekonomija) saru aktar importanti hekk kif il-politiki tal-UE komplew jiżviluppaw, u l-monitoraġġ tagħhom sar għandu bżonn indikaturi aktar preċiżi. Ngħidu aħna, l-LMB tintuża għall-monitoraġġ tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli[2], għall-istrateġija

[1] Ir-Regolamenti tal-Kunsill: Nru 10/1960, Nru 14/1961, Nru 28/1962, Nru 151/1962, Nru 101/66/KEE, (KEE) Nru 1899/68, (KEE) Nru 2259/71, (KEE) Nru 328/75, (KEE) Nru 494/78, ir-Regolamenti (KEE) Nru 2053/69, (KEE) Nru 3192/73 u (KEE) Nru 494/78, (KEE) Nru 1596/81, (KEE) Nru 3149/83, (KEE) Nru 1612/88, (KEE) Nru 3949/92, Nru 2744/95, (KE) Nru 23/97.

[2] https://ec.europa.eu/eurostat/web/sdi/overview.

Ewropea dwar l-impjiegi, għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[3] u għas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, id-Direttiva riċenti dwar il-pagi minimi adegwati[4], id-Direttiva dwar it-trasparenza fil-pagi[5] u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' bordijiet nazzjonali tal-produttività[6] ħarġu fid-dieher il-bżonn ta' statistika imparzjali u komprensiva fil-qasam tal-introjtu u l-kostijiet lavorattivi.

L-informazzjoni miġbura f'diversi settijiet tad-*data* tal-LMB hi preġudikata minħabba l-kopertura mhux sħiħa tas-settur pubbliku (jew ta' partijiet minnu) u tal-mikrointrapriżi. Għal diversi Stati Membri, in-negozji li għandhom bejn impjegat wieħed u disa' impjegati mhumiex inklużi fl-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu jew dwar il-kost lavorattiv. Dan joħloq preġudizzji fl-istatistika ewlenija bħall-introjtu medju u medjan, li tintuża biex tinħadem id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri jew biex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-pagi minimi. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' obbligu legali li tingħata informazzjoni dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri sar aktar problematiku għax bħalissa l-ġbir tad-*data* hu volontarju u ma jkoprix lill-pajjiżi kollha tal-UE jew il-varjabbli kollha meħtieġa. Dan joħloq riskju għall-monitoraġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti.

Għalhekk, id-*data* li qed tingħadda bħalissa lill-Eurostat ma tistax tintuża bil-potenzjal kollu tagħha: l-aggregati tal-UE ma jistgħux jiġu kkalkolati għall-ekonomija kollha u t-tqabbil bejn il-pajjiżi se jkompli jixxekkel sakemm il-pajjiżi kollha tal-UE jestendu għalkollox il-kopertura tal-LMB.

Il-kopertura tal-ekonomija kollha se ttejjeb l-eżattezza ta' xi statistika użata bħala indikaturi ekonomiċi Ewropej ewlenin (l-indiċi tal-kost lavorattiv, ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti) jew għall-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, l-introjtu medjan użat biex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-pagi). Barra minn hekk, il-ġbir tad-*data* annwali dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri jenħtieġ li jiġi regolat biex ikunu żgurati t-trażmissjonijiet futuri tad-*data* u li tittejjeb il-kwalità tagħha. Fl-aħħar nett, il-puntwalità ta' xi settijiet tad-*data* tal-LMB jenħtieġ li titjieb (eż. l-indiċi tal-kost lavorattiv) u xi nuqqasijiet eżistenti fl-informazzjoni jenħtieġ li jitneħħew (eż. l-għadd ta' sigħat maħduma).

Hemm ukoll opportunitajiet għal simplifikazzjoni billi jiżdied l-użu tad-*data* amministrattiva u ta' sorsi innovattivi (bħall-iscraping tal-web) u b'integrazzjoni aħjar tal-istatistika l-LMB ladarba l-qafas legali jiġi armonizzat.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Matul iż-żmien, il-kuntest tal-politika għal-LMB kompla jevolvi b'mod kostanti. Fl-2009, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-viżjoni tagħha tal-metodu għall-produzzjoni tal-istatistika tal-UE għad-deċennju 2010-2020[7]. Dak id-dokument stħarreġ il-bidliet ewlenin fl-ambjent tan-negozju tas-Sistema Ewropea tal-

[3] https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights_MT.

[4] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

[5] Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (ĠU L 132, 17.05.2023, p. 21).

[6] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-20 ta' Settembru 2016 dwar l-istabbiliment ta' Bordijiet Nazzjonali tal-Produttività (ĠU C 349, 24.09.2016, p. 1).

[7] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-metodu tal-produzzjoni tal-istatistika tal-UE: viżjoni għad-deċenju li ġej (COM/2009/0404 final).

Istatistika u l-implikazzjonijiet għat-tfassil tal-politika. Enfasizza l-importanza ta' sistema integrata li tippermetti lill-pajjiżi jiġbru d-*data* mingħand sorsi differenti, u b'hekk iżidu d-disponibbiltà u l-firxa tal-analiżi. Ħareġ fid-dieher ukoll l-importanza li tiżdied il-kwalità tad-*data* għax ħafna sorsi esterni ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mistennija tal-istatistika Ewropea.

Fl-2014, il-Kummissjoni (Eurostat) bdiet il-proċess tal-modernizzazzjoni tal-istatistika soċjali. Dan wassal għall-adozzjoni ta' Regolament qafas għall-istatistika Ewropea relatata mal-persuni u l-unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fil-livell individwali miġbura minn kampjuni tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi[8]. Barra minn hekk, fis-27 ta' Novembru 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju[9]. L-LMB tinsab fl-intersezzjoni taż-żewġ dominji għax tappartjeni kemm għall-istatistika soċjali fejn tidħol it-tema koperta u anki għall-istatistika tan-negozju minħabba t-tip tar-rispondenti (l-intrapriżi). Din l-inizjattiva tal-LMB għandha tlesti l-modernizzazzjoni tal-istatistika soċjali.

Dan il-qafas legali armonizzat se jipprovdi referenzi sistematiċi għall-kunċetti korrispondenti użati f'dominji relatati mill-qrib bħall-istatistika tal-kontijiet nazzjonali u l-istatistika Ewropea tan-negozju. Mill-adozzjoni tagħha sal-lum, il-leġiżlazzjoni fiż-żewġ dominji ġiet aġġornata u l-metodoloġija tagħhom ġiet riveduta (is-sistema Ewropea tal-kontijiet tal-2010, ir-Regolament dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju). Għalhekk issa l-LMB jeħtieġ tiġi allinjata biex ikollna konsistenza fid-dominji kollha, u biex l-utenti tal-leġiżlazzjoni tal-LMB, inkluż l-uffiċċji tal-istatistika tal-Istati Membri, jingħataw iċ-ċarezza.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE**

L-indikaturi tal-LMB jintużaw għall-monitoraġġ tal-politiki Ewropej ewlenin, bħall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs). Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri hi indikatur tal-SDGs fil-Għan 5 "ugwaljanza bejn il-ġeneri" u hi parti mid-dashboard tal-Pilastru (il-prinċipju 2). Id-dritt għal pagi ġusti u għal pagi minimi adegwati hu elenkat fil-Prinċipju 6 ("Pagi").

L-LMB tipprovdi informazzjoni ewlenija għall-politika monetarja (l-indiċi tal-kost lavorattiv) u se tintuża biex tappoġġa d-Direttiva riċenti dwar il-pagi minimi adegwati u d-Direttiva dwar it-trasparenza fil-pagi.

B'din il-proposta, il-qafas legali għal-LMB se jkompli jiġi allinjat ma' dawk il-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE għax dawn huma ġodda jew komplew jevolvu minn meta ġiet adottata l-leġiżlazzjoni attwali tal-LMB.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hi l-Artikolu 338(1) tat-TFUE, li jipprovdi l-qafas legali għall-istatistika Ewropea. F'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika meta dik l-istatistika tkun meħtieġa biex l-UE taqdi dmirha. L-Artikolu 338(2) jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-

8 Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1).

9 Ir-Regolament (KE) Nru 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1).

produzzjoni tal-istatistika Ewropea u jiddikjara li din trid tikkonforma mal-istandards tal-imparzjalità, tal-affidabbiltà, tal-oġġettività, tal-indipendenza xjentifika, tal-kosteffettività u tal-kunfidenzjalità statistika mingħajr ma tixħet piż żejjed fuq in-negozji, l-awtoritajiet jew il-pubbliku.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tipprovdi infrastruttura għall-informazzjoni statistika. Is-sistema tfasslet biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' bosta utenti fis-soċjetajiet demokratiċi. Bħala kriterji ewlenin tal-kwalità, l-istatistika Ewropea trid tkun konsistenti u komparabbli. Il-komparabbiltà hi importanti ħafna għal-LMB minħabba r-rwol kruċjali tagħha li tappoġġa l-politiki ekonomiċi, soċjali u tal-koeżjoni bbażati fuq l-evidenza. L-Istati Membri ma jistgħux jipproduċu statistika konsistenti u komparabbli mingħajr qafas Ewropew ċar fil-forma ta' leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi l-kunċetti statistiċi komuni, il-formati tar-rappurtar u r-rekwiżiti tal-kwalità. L-objettiv tal-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq biżżejjed jekk l-Istati Membri jaġixxu għal rashom. L-azzjoni tista' tkun effettiv aktar jekk tittieħed fil-livell tal-UE permezz ta' att legali tal-UE, li jiżgura l-komparabbiltà tal-istatistika fl-oqsma li jkopri l-att propost. Il-ġbir tad-*data* nnifsu jistgħu jagħmluh l-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Se tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tal-LMB Ewropea miġbura u kkompilata bl-applikazzjoni tal-istess prinċipji fl-Istati Membri kollha. Se tiżgura wkoll li l-istatistika tal-LMB Ewropea tibqa' rilevanti u tiġi adattata biex tirrispondi għall-ħtiġijiet tal-utenti. Ir-Regolament se jagħmel il-produzzjoni tal-istatistika aktar kosteffettiva filwaqt li jirrispetta l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi tal-istatistika tal-Istati Membri. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-Regolament propost jillimita ruħu għall-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ għal dak il-għan.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost hu Regolament.

Minħabba l-objettivi u l-kontenut tal-proposta, Regolament hu l-aktar strument xieraq. Bosta politiki importanti tal-UE bħall-konverġenza makroekonomika, il-koeżjoni soċjali, l-istabbiltà fil-prezzijiet, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiddependu b'mod inerenti fuq statistika Ewropea tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji li tkun komparabbli, armonizzata u ta' kwalità għolja. Din tista' tkun żgurata bl-aħjar mod b'Regolamenti li jkunu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha mingħajr ma jkollhom għalfejn qabelxejn jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post* u kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Bħala parti minn din l-inizjattiva, il-Kummissjoni evalwat il-qafas legali attwali tal-LMB li jikkonsisti fir-Regolamenti (KE) Nru 530/1999, (UE) Nru 450/2003, (KE) Nru 453/2008 u l-miżuri tal-implimentazzjoni tagħhom.

Mil-lat pożittiv, l-evalwazzjoni turi li l-LMB tippermetti l-ġbir ta' informazzjoni ta' kwalità għolja li tintuża b'mod estensiv għall-għanijiet maħsuba. Il-preġji tal-LMB huma l-koerenza, l-effiċjenza u l-komparabbiltà tagħha, u il-fatt li hi stabbilita sew, affidabbli u użata b'mod estensiv mill-organizzazzjonijiet u minn dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha. Waħda

mid-dgħufijiet tal-qafas legali attwali hi li dan **ma jkoprix il-ġbir tad-*data* dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.** In-nuqqas ta' obbligu legali li tingħata informazzjoni annwali dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri sar aktar problematiku għax il-ġbir volontarju tad-*data* jippreġudika l-kwalità tagħha u joħloq għadd ta' fatturi tar-riskju b'rabta mas-segwitu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, tal-monitoraġġ tal-UE tal-Għan 5 tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU, u tal-monitoraġġ tal-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tad-Direttiva dwar it-trasparenza fil-pagi. Xi Stati Membri ma taw l-ebda *data* annwali dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

Dgħufija oħra tal-qafas legali attwali hi li dan **iħalli barra lil atturi sinifikanti tal-ekonomija tal-UE, bħall-mikrointrapriżi.** Barra minn hekk, għad hemm xi nuqqasijiet tal-LMB li kienu diġà ġew identifikati waqt l-adozzjoni tal-atti legali. Dawn in-nuqqasijiet ġew indirizzati b'modi differenti fil-qafas eżistenti (billi kienu meħtieġa studji tal-fattibbiltà li setgħu jwasslu għal emenda tal-leġiżlazzjoni jew billi ngħata appoġġ finanzjarju biex jissawru l-kapaċitajiet meħtieġa) iżda għal uħud mill-ġabriet tad-*data* baqgħux ma ssolvewx. Għalhekk, l-informazzjoni miġbura hi ppreġudikata f'diversi LMB, b'mod partikolari minħabba l-kopertura mhux sħiħa ta' xi setturi tal-ekonomija jew tal-mikrointrapriżi. Minħabba dan, id-*data* mgħoddija lill-Eurostat ma tistax tintuża bil-potenzjal kollu tagħha: l-aggregati tal-UE ma jistgħux jiġu kkalkolati għall-ekonomija kollha, u hu diffiċli li jitqabblu l-pajjiżi.

Barra minn hekk, **hemm lok għal titjib fil-puntwalità u l-frekwenza tad-*data* tal-LMB**. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati juru li l-frekwenza tal-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu u dwar il-kost lavorattiv ma baqgħetx biżżejjed għal xi utenti. Jidhrilhom ukoll li l-puntwalità tista' tittejjeb għaż-żewġ stħarriġiet u għall-indiċi tal-kost lavorattiv.

Nuqqas ieħor hu li l-LMB, **b'enfasi akbar fuq it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza, saret importanti maż-żmien għal analiżi aħjar**. Il-leġiżlazzjoni eżistenti tiffoka fuq il-ħtiġijiet tad-*data* għall-prijoritajiet ta' politika kif kienu oriġinarjament meta ġiet żviluppata l-inizjattiva. Maż-żmien, dawn il-prijoritajiet evolvew u l-LMB attwali ma għadhiex tkopri d-diżaggregazzjonijiet jew il-varjabbli tal-politika kif xieraq. B'mod partikolari, il-lakuni kkonfermati tul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati jiffukaw fuq bosta varjabbli li, meta jiġu inklużi fl-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu, jippermettu analiżi aħjar tal-mikrodata u tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri derivata. Fl-aħħar nett tqies ukoll li hemm bżonn *data* aktar granulari dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti.

Dgħufija addizzjonali tal-qafas legali attwali hi li dan **mhux adattat biex jużda sorsi ġodda fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE**. Ir-Regolamenti tal-LMB ma kinux ipprevedewx l-użu tad-*data* innovattiva bħala sors possibbli għax dak iż-żmien ma kinitx disponibbli. Għalhekk, il-qafas attwali tar-rapportar tal-kwalità mhux adegwat għall-valutazzjoni ta' dawk is-sorsi ġodda tad-*data*. Barra minn hekk, iż-żieda fl-użu tad-*data* amministrattiva li ġiet osservata fl-aħħar snin teħtieġ dokumentazzjoni xierqa, li bir-rappurtar tal-kwalità eżistenti mhix possibbli.

Fl-aħħar nett, **id-definizzjonijiet, il-kunċetti u l-approċċi tal-qafas fid-dominji tal-istatistika relatati mhumiex allinjati.** Għalkemm l-LMB individwali huma koerenti internament, l-arkitettura legali tista' tiġi ssimplifikata billi t-tliet Regolamenti qafas fis-seħħ bħalissa jinbidlu b'test konsolidat wieħed li jiżgura armonizzazzjoni u konsistenza sħiħa fost il-ġabriet kollha tad-*data* tal-LMB.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-istrateġija tal-konsultazzjoni mmappjat il-profili tal-partijiet ikkonċernati ewlenin fi tliet gruppi ewlenin: (i) il-fornituri tad-*data* sors (bħad-detenturi tad-*data* amministrattiva) u r-

rispondenti (il-fornituri tad-*data* fin-negozji li jipparteċipaw direttament fil-ġbir tad-*data*); (ii) il-produtturi tal-istatistika (prinċipalment l-istituti nazzjonali tal-istatistika); u (iii) l-utenti tal-istatistika.

Il-konsultazzjoni kienet tinkludi l-attivitajiet li ġejjin: konsultazzjonijiet pubbliċi u mmirati, sessjoni ta' ħidma mmirata, intervisti ma' partijiet ikkonċernati ewlenin, u riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni.

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rnexxielha tilħaq lill-gruppi tal-partijiet ikkonċernati maħsuba (għajr lill-fornituri tad-*data* amministrattiva, lil intrapriżi individwali li jħaddmu inqas minn 10 persuni, u lill-organizzazzjonijiet tal-midja). Il-piż fuq l-intrapriżi relatat mal-LMB ġie vvalutat indirettament permezz tal-istituti nazzjonali tal-istatistika, u xi assoċjazzjonijiet tan-negozju taw ukoll il-fehmiet tagħhom. Minħabba n-natura teknika tas-suġġett, l-involviment ġenerali tar-rispondenti tqies biżżejjed biex jappoġġa l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tal-LMB li saru wara xulxin.

Ir-rispons mill-konsultazzjoni wera appoġġ għall-inizjattiva tal-Kummissjoni u għaraf li l-kwistjonijiet kienu tjiebu ġmielhom mill-aħħar azzjoni politika dwar l-LMB. Għen ukoll, iżda, biex jiġu identifikati lakuni statistiċi u ħtiġijiet statistiċi ġodda li l-qafas legali attwali ma jistax jissodisfa. L-azzjonijiet li l-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati qiesu bħala prijorità kienu: ir-regolamentazzjoni tal-ġbir tad-*data* dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, it-titjib tal-kopertura tal-LMB u t-titjib tal-puntwalità. Il-proposta ewlenija li dwarha l-produtturi u l-utenti kellhom fehmiet diverġenti kienet iż-żieda fil-frekwenza tal-ġbir tad-*data* ta' kull 4 snin (l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu u l-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv). Dan tqies peżanti wisq għal xi rispondenti (in-negozji) u għali wisq għall-istituti nazzjonali tal-istatistika. Iżda l-utenti dehrilhom li dan jikseb valur miżjud kbir.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ir-rieżami tal-LMB ġie ppreżentat u diskuss mal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni biex jinkiseb parir u kontribut dwar il-progress tal-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt. Dawn prinċiplament kienu laqgħat tal-gruppi ta' esperti mmexxija mill-Eurostat bil-parteċipazzjoni ta' esperti mill-Istati Membri, jiġifieri l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika tas-Suq tax-Xogħol u l-Grupp tad-Diretturi Ewropej tal-Istatistika Soċjali. Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika[10] wkoll inżamm infurmat dwar il-progress.

Il-Eurostat wettaq din l-evalwazzjoni bl-appoġġ ta' studju kkummissjonat lil ICF SA tal-Belġju. Dan l-istudju ta' appoġġ ipprovda t-tħejjija tal-evalwazzjoni u l-analiżi tal-impatt, l-analiżi tal-konsultazzjoni pubblika, u l-organizzazzjoni u l-analiżi tal-attivitajiet tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (għajr tal-konsultazzjoni pubblika li tħejjiet mill-Eurostat).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt għal din l-inizjattiva[11] rċeviet opinjoni pożittiva b'riżervi mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fl-20 ta' Jannar 2023 wara proċedura bil-miktub[12]. Verżjoni riveduta tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jindirizza r-riżervi ġiet approvata bil-miktub minn grupp tat-tmexxija bejn is-servizzi fit-13 ta' Marzu 2023.

L-objettiv ġenerali stabbilit fil-valutazzjoni tal-impatt hu li tinħoloq LMB aġġornata, rilevanti u komprensiva li tkopri s-setturi ekonomiċi kollha, u li tkun komparabbli bejn l-Istati Membri

[10] Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
[11] SWD(2023) 265; SWD(2023) 266.
[12] SEC(2023) 295.

u konsistenti mad-dominji tal-istatistika relatati. Dan jista' jinqasam fi tliet objettivi speċifiċi allinjati mal-problemi deskritti hawn fuq:

- il-qafas regolatorju jiġi adattat biex jikseb il-flessibbiltà li tissodisfa l-ħtiġijiet emerġenti, il-pubblikazzjoni ta' statistika aktar fil-ħin, u l-promozzjoni tal-użu ta' sorsi u metodi innovattivi (li l-kwalità tagħhom tkun ġiet ivvalutata kif xieraq);
- il-kopertura tal-istatistika tiġi estiża għall-ekonomija kollha, u li jkun żgurat li d-*data* dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri tingħata mill-Istati Membri kollha;
- titjieb il-konsistenza ma' dominji statistiċi relatati.

L-alternattivi ta' politika ġew żviluppati billi ġew raggruppati flimkien miżuri ta' politika dettaljati li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi.

L-**Alternattiva 0** hija x-xenarju bażi.

Fl-**Alternattiva 1**, il-ġbir tad-*data* speċifikat fit-tliet Regolamenti eżistenti jiġi integrat f'Regolament qafas uniku ġdid li jkopri wkoll id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri. Id-definizzjonijiet, il-kunċetti u l-approċċi jiġu allinjati, u jiġi stabbilit ippjanar ġenerali għal skrutinju aħjar tat-trażmissjonijiet tad-*data*. Ħlief għall-bażi ġuridika l-ġdida għad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, kull titjib li jmur lil hinn minn sempliċi riformulazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali jibqa' volontarju. Għalhekk, l-Alternattiva 1 ma tindirizzax il-ħtiġijiet emerġenti. Tindirizza biss parzjalment il-lakuni eżistenti fil-kopertura jew itejjeb biss ftit il-puntwalità tad-*data* tal-LMB għal ftit pajjiżi volontarji.

Fl-**Alternattiva 2**, il-kopertura tiġi estiża għall-mikrointrapriżi għall-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu (biss għall-ġbir tal-informazzjoni ewlenija biex jiġi limitat il-piż) iżda mhux għall-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk iż-żewġ stħarriġiet jiġi estiż għat-taqsima tan-NACE "Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja", u l-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti tkun tkopri l-ekonomija kollha fil-pajjiżi kollha. Il-puntwalità tittejjeb fi ftit fl-indiċi tal-kost lavorattiv trimestrali u fl-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu ta' kull 4 snin, iżda mhux fl-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv. Il-frekwenza taż-żewġ stħarriġiet tibqa' kif inhi fix-xenarju bażi. L-iżvilupp ta' bażi ġuridika għad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u l-kopertura tal-ħtiġijiet emerġenti hi wkoll parti minn din l-Alternattiva. Din l-Alternattiva tiżgura wkoll rapportar ta' kwalità aħjar għal kull ġbir tad-*data*, u armonizzazzjoni u ppjanar aħjar bir-Regolament qafas integrat.

L-**Alternattiva 3** tindirizza b'mod eżawrjenti l-ħtieġa ta' titjib u armonizzazzjoni tal-LMB kollha kif espressa mill-partijiet ikkonċernati. Din tinkludi l-miżuri ta' politika identifikati kollha jew dawk l-aktar ambizzjużi meta kienu previsti oħrajn alternattivi. Dawn il-miżuri huma relatati mal-kopertura, il-puntwalità, il-frekwenza għolja tal-istħarriġiet dwar l-istruttura tal-introjtu u dwar il-kost lavorattiv, ir-rappurtar tal-kwalità, l-użu tad-data amministrattiva u ta' sorsi innovattivi, l-allinjament tal-kunċetti fost id-dominji tal-LMB, li l-ġbir tad-data dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri jsir obbligatorju, u l-kopertura tal-ħtiġijiet emerġenti. Dan ifisser li l-kopertura taż-żewġ stħarriġiet tiġi estiża għall-mikrointrapriżi u għat-taqsima tan-NACE "Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja", u l-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti tkun tkopri l-ekonomija kollha. Il-puntwalità tal-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu turi titjib sinifikanti, u tal-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv turi titjib moderat; il-puntwalità tal-indiċi tal-kost lavorattiv titjieb ukoll. F'din l-Alternattiva, l-LMB tibbenefika minn rapportar ta' kwalità aħjar u minn armonizzazzjoni u ppjanar aħjar b'Regolament qafas integrat wieħed.

Saret valutazzjoni kwalitattiva tal-erba' alternattivi magħżula għall-valutazzjoni tal-impatt. Din ivvalutat il-proporzjonalità, u mbagħad l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza.

Skont l-istimi bbażati fuq informazzjoni mill-istituti nazzjonali tal-istatistika, l-Alternattiva 3 toħloq żieda sinifikanti fil-piż fuq in-negozji, u dan iwassal għal żieda ta' 88% fil-kostijiet tagħhom biex iwieġbu għall-istħarriġiet. L-Alternattiva 2 tikkawża żieda ta' 11% fil-piż fuq in-negozji. Bl-Alternattiva 3, il-kostijiet għall-kumpilaturi tad-*data* jiżdiedu b'64% meta mqabbla mat-12% bl-Alternattiva 2. L-Alternattiva 1 toħloq żieda negliġibbli fil-piż fuq in-negozji u fuq l-istituti nazzjonali tal-istatistika, u fil-kostijiet għalihom.

Kull alternattiva tiżgura l-proporzjonalità. L-Alternattiva 3 tkopri proposti aktar ambizzjużi, bħall-irduppjar tal-frekwenza għaż-żewġ tipi tal-ġbir tad-*data* li bħalissa jsiru kull 4 snin, iżda dan ma tqiesx realistiku minħabba l-ħtieġa attwali li jiġu limitati l-kostijiet u l-piżijiet. Għaldaqstant, hu improbabbli li bħalissa din l-Alternattiva tista' tiġi implimentata mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Filwaqt li l-Alternattiva 3 hi l-aktar waħda effettiva, hi wkoll l-aktar għalja u tixħet l-akbar piż fuq in-negozji. Skont il-fornituri tad-*data*, l-implimentazzjoni tal-Alternattiva 3 toħloq ukoll diffikultajiet serji fil-prattika. L-Alternattiva 2 ġiet identifikata bħala dik li tindirizza l-ħtiġijiet tal-utenti u tal-fornituri tad-*data* bl-aktar mod kosteffiċjenti. Għalhekk, l-alternattiva ppreferuta hija l-Alternattiva 2. Il-proposta leġiżlattiva taqbel ma' dik l-alternattiva.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-alternattiva ppreferuta (l-Alternattiva 2) se twassal għal simplifikazzjoni u għal aktar effiċjenza bit-tliet modi li ġejjin.

(a) Tamalgama t-tliet Regolamenti qafas eżistenti f'att legali wieħed.

(b) Trawwem l-użu ta' sorsi amministrattivi alternattivi u ta' tekniki diġitali moderni, inkluż l-iscraping tal-web u t-trasferiment awtomatiku tad-*data* dwar il-pagi, li se jaqdu rwol biex jittaffa l-piż minn fuq l-intrapriżi b'mod ġenerali u fuq in-negozji żgħar u medji (SMEs) b'mod partikolari. Dan jista' jinkiseb billi d-*data* dwar il-introjtu u l-kost lavorattiv tinħareġ mis-sistemi tal-pagi tal-kumpaniji u mir-reklamar tal-impjiegi fuq l-internet. *Data* amministrattiva u innovattiva ġdida għandha tgħin ukoll biex jiġu koperti l-ħtiġijiet emerġenti.

(c) Il-ġbir tal-varjabbli dwar l-apprendisti jsir biss minn dawk il-pajjiżi li jirrappreżentaw sehem imdaqqas tal-impjegati kollha (aktar minn 1%).

Bl-estensjoni proposta tal-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu fl-Alternattiva 2 għall-mikrointrapriżi, iż-żieda fil-piż għall-SMEs kollha tammonta għal 0,24% tal-piż medju attwali kull 4 snin. Dan hu bbażat fuq rata medja tal-kampjunar ta' 2,5% għall-SMEs. Barra minn hekk, l-estensjoni se tkopri biss informazzjoni limitata u se titpaċa bis-simplifikazzjoni tal-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv fuq l-apprendisti.

L-alternattiva proposta tikkonforma għalkollox mal-prinċipju ta' tfassil tal-politika lest għall-era diġitali: id-diġitalizzazzjoni tinsab fil-qalba tal-proċessi statistiċi fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika ("diġitali b'mod awtomatiku"). Se jiġu implimentati miżuri speċifiċi b'mod diġitali (formoli web, proċessi diġitali, programmi tal-IT) biex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-kostijiet għall-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-piżijiet fuq ir-rispondenti.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-valutazzjoni tal-impatt identifikat impatt indirett pożittiv potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali. Kwalità aħjar tal-istatistika dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri (inkluż *data* aħjar dwar il-persuni li jaħdmu fil-mikrointrapriżi) se ttejjeb il-politiki dwar id-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma tinkludix il-finanzjament tal-ġabriet regolari tad-*data* iżda tipprevedi l-kofinanzjament tal-UE għal sforzi tal-modernizzazzjoni, inklużi għal studji pilota u tal-fattibbiltà fl-Istati Membri. Barra minn hekk, ir-riżorsi umani u operazzjonali (IT) fil-Kummissjoni (Eurostat) se jkollhom jibqgħu stabbli biex jimmaniġġjaw l-ammont ta' xogħol regolatorju, tal-monitoraġġ u tal-produzzjoni li se joħolqu l-ġabriet imtejba tad-*data*.

L-impatt finanzjarju ġenerali tal-proposta għandu tul mhux limitat. L-implikazzjonijiet baġitarji stmati għall-perjodu li fadal tal-baġit fit-tul attwali tal-UE 2021-2027 (magħruf ukoll bħala l-qafas finanzjarju pluriennali) minn meta r-Regolament jidħol fis-seħħ huma stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.

## 5. ELEMENTI OĦRA

### • Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar

Ir-Regolament propost mistenni jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2024, u l-miżuri tal-implimentazzjoni tal-Kummissjoni jiġu adottati ftit wara. Ir-Regolament se japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

L-Istati Membri mistennija jibdew jipprovdu d-*data* lill-Kummissjoni skont ir-Regolament il-ġdid mis-sena ta' referenza 2026 għall-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti, l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-introjtu, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u l-indiċijiet tal-kost lavorattiv, u mill-2028 għall-istħarriġ dwar il-kost lavorattiv. F'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt, l-implimentazzjoni tar-Regolament adottat se tiġi monitorjata u evalwata regolarment. Il-valutazzjoni tal-impatt tinkludi wkoll arranġamenti dwar il-monitoraġġ, inkluż proposti għall-indikaturi li jridu jintużaw.

### • Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Ir-Regolament propost jistabbilixxi qafas ġdid għall-istatistika Ewropea tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji. Jintegra l-istatistika attwali dwar l-istruttura u d-distribuzzjoni tal-introjtu u l-kostijiet lavorattivi, l-indiċi tal-kost lavorattiv, il-postijiet tax-xogħol vakanti u d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri. Barra minn hekk jispeċifika li l-Istati Membri jridu jipprovdu statistika dwar 3 dominji (l-introjtu, il-kostijiet lavorattivi, id-domanda għall-ħaddiema), 5 temi relatati u 20 tema dettaljata. Dawn huma sostnuti minn Artikoli dwar is-suġġett, id-definizzjonijiet, is-sorsi tad-*data* u l-metodi (inkluż abilitanti speċifiċi għall-użu mill-ġdid tas-sorsi tad-*data* amministrattiva), ir-rekwiżiti tad-*data*, l-istimi bikrija, il-popolazzjoni u l-unitajiet statistiċi, ir-rekwiżiti tad-*data ad hoc*, ir-rekwiżiti tal-kwalità u r-rappurtar tal-kwalità, l-istudji pilota u tal-fattibbiltà, u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji potenzjali.

Id-dettalji tar-rekwiżiti tad-*data* se jiġu speċifikati fl-atti ta' implimentazzjoni, iżda r-Regolament propost jippermetti l-emendar tal-lista tat-temi dettaljati u l-perjodiċità tagħhom, il-perjodi ta' referenza u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* permezz ta' atti delegati. Il-proposta tipprevedi wkoll il-possibbiltà li r-rekwiżiti tad-*data* li ġejjin jiġu indirizzati b'ġabriet tad-*data ad hoc*. Fl-aħħar nett, ir-Regolament propost joffri kofinanzjament potenzjali biex is-sistemi tal-produzzjoni tal-istatistika jkomplu jiġu modernizzati u jitwettqu l-istudji pilota u tal-fattibbiltà kif xieraq. Dawn is-setgħat ta' implimentazzjoni u delegati mogħtija lill-Kummissjoni, u l-possibbiltà li jitnedew studji pilota u tal-fattibbiltà, huma proposti biex il-qafas il-ġdid jipprovdi ċerta flessibbiltà biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-opportunitajiet emerġenti tal-utenti minn sorsi ġodda tad-*data* fil-futur imbiegħed.

2023/0288 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[13],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[14],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji fl-Unjoni Ewropea hi meħtieġa għat-tfassil, għall-implimentazzjoni u għall-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-istrateġija Ewropea dwar l-impjiegi, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u s-Semestru Ewropew.

(2) Il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011[15] u l-monitoraġġ tal-pagi minimi adegwati skont id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] jeħtieġu informazzjoni eżatta dwar l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi fis-siegħa u tal-livelli tal-pagi fost l-Istati Membri.

(3) L-istatistika Ewropea tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji, il-Bank Ċentrali Ewropew jużaha fil-kuntest tal-politika monetarja unika biex jimmonitorja r-riskji tal-inflazzjoni u tad-deflazzjoni li joħolqu l-kostijiet lavorattivi. Għalhekk hemm bżonn statistika tal-Unjoni eżatta, fil-ħin u komparabbli dwar l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi.

---

13 ĠU C , , p. .

14 ĠU C , , p. .

15 Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25)

16 Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

(4) Hemm bżonn tiġi estiża l-kopertura tal-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti u l-puntwalità tal-indiċi tal-kost lavorattiv għax iż-żewġ indikaturi huma elenkati fost l-indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP)[17], meħtieġa biex jiġu monitorjati l-politiki monetarji u ekonomiċi.

(5) Hemm bżonn bażi ġuridika għar-regolamentazzjoni tat-trażmissjoni tad-differenza annwali fil-pagi bejn il-ġeneri biex isir monitoraġġ tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli skont l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), b'mod partikolari, l-Għan 5 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

(6) L-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-opportunitajiet indaqs u tat-trattament ugwali tal-irġiel u tan-nisa f'materji tal-impjieg u tax-xogħol[18] teħtieġ *data* komparabbli dwar il-pagi li jirċievu l-irġiel u n-nisa. Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa[19] teżiġi li l-Istati Membri jipprovdu *data* aġġornata u fil-ħin lill-Kummissjoni dwar id-differenza annwali fil-pagi bejn il-ġeneri. Dan l-obbligu jenħtieġ li jiġi kumplimentat bil-qafas statistiku meħtieġ li jixraq għall-kumpilazzjoni u t-trażmissjoni tad-*data* dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

(7) Biex jissimplifika l-leġiżlazzjoni eżistenti u jrawwem l-armonizzazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni, il-kunċetti, id-definizzjonijiet u r-rappurtar tal-kwalità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri l-istatistika Ewropea kollha tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji.

(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jqis il-ħtiġijiet ġodda li nħolqu bl-iżvilupp u bl-approfondiment tal-Unjoni u taż-żona tal-euro, diment li d-dispożizzjonijiet tiegħu ma jkunux joħolqu piż sproporzjonat fuq ir-rispondenti jew fuq l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

(9) Biex jiġi limitat il-piż fuq l-intrapriżi, b'mod partikolari fuq l-SMEs, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jikkunsidraw sorsi amministrattivi u innovattivi, li l-għan ewlieni tagħhom ma jkunx il-forniment tal-istatistika, bħala sostitut għal jew bħala suppliment għall-istħarriġiet tal-istatistika, soġġetti għar-rekwiżiti tal-kwalità tal-istatistika uffiċjali. L-aħħar żviluppi teknoloġiċi u diġitali jistgħu jikkontribwixxu għal dan l-objettiv.

(10) Biex tittejjeb l-effiċjenza tal-proċessi tal-produzzjoni tal-istatistika dwar is-suq tax-xogħol u biex jonqos il-piż statistiku fuq ir-rispondenti, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jaċċessaw u jużaw, minnufih u bla ħlas, ir-rekords amministrattivi nazzjonali kollha u li jintegraw dawk ir-rekords amministrattivi mal-istatistika, sa fejn meħtieġ, għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid

---

17 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika taż-żona tal-euro "Towards improved methodologies for eurozone statistics and indicators", COM(2002) 0661 final tas-27 ta' Novembru 2002.

18 Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.07.2006, p. 23).

19 Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (ĠU L 132, 17.05.2023, p. 21).

tal-istatistika Ewropea dwar in-negozji, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20].

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea hu l-qafas ta' referenza għal dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* kunfidenzjali.

(12) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika ta' kwalità għolja tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri iżda, għal raġunijiet ta' konsistenza u komparabbiltà, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(13) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] u ta opinjoni nhar [xxx].

(14) Għal implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri, hemm bżonn mill-inqas 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ qabel l-ewwel ġbir tad-*data*.

(15) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ġie kkonsultat.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji fl-Unjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "unità statistika" tfisser l-entità li dwarha tinġabar jew tiġi kkumpilata d-*data*;

(2) "intrapriża" tfisser sett ta' unitajiet legali kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93[22]; Din tinkludi lill-produtturi mhux tas-suq u lil unitajiet istituzzjonali oħra li jappartjenu għas-settur tal-gvern ġenerali;

[20] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

[21] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(3) “unità lokali” tfisser intrapriża jew parti minnha li tinsab f’post ġeografikament identifikat;

(4) “intrapriża residenti”, rispettivament “unità lokali residenti”, tfisser intrapriża, rispettivament unità lokali, li twettaq attivitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu għall-prodott domestiku gross (PDG);

(5) “impjegat” tfisser persuna irrispettivament min-nazzjonalità tagħha, mir-residenza tagħha jew minn kemm ilha taħdem fl-Istat Membru fejn għandha kuntratt ta’ impjieg dirett ma’ intrapriża (kemm jekk il-ftehim ikun formali kif ukoll jekk ikun informali) u tirċievi remunerazzjoni, irrispettivament mit-tip ta’ xogħol li tagħmel, in-numru tas-sigħat maħduma (full-time jew part-time) u t-tul tal-kuntratt (fiss jew indefinit, inkluż staġunali); ir-remunerazzjoni ta’ impjegat tista’ tieħu l-forma ta’ pagi u salarji, inkluż bonuses, ħlas għal xogħol bl-imqieta u bix-xift, gratifiki, miżati, kummissjonijiet u remunerazzjoni *in natura*;

(6) “impjegatur” tfisser intrapriża jew unità lokali li għandha kuntratt ta’ impjieg dirett ma’ impjegat (kemm jekk il-ftehim ikun formali kif ukoll jekk ikun informali);

(7) “dominju” tfisser sett tad-*data* wieħed jew aktar li jkopri tema waħda jew bosta temi partikolari;

(8) “tema” tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li trid tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi waqt il-ġbir tad-*data*, u kull tema tkun tkopri għadd ta’ temi dettaljati;

(9) “tema dettaljata” tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li trid tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi relatati ma’ tema; kull tema dettaljata tkopri varjabbli wieħed jew aktar;

(10) “varjabbli” tfisser karatteristika ta’ unità li tista’ tassumi aktar minn sett wieħed ta’ valuri, u li tista’ tkun ċifra assoluta, proporzjon, jew referenza għal pożizzjoni fi klassifikazzjoni;

(11) “diżaggregazzjoni” tfisser sett ta’ valuri predefiniti diskreti, eżawrjenti u reċiprokament esklużivi li jistgħu jiġu assenjati lil varjabbli li jikkaratterizza unitajiet statistiċi;

(12) “mikrodata” tfisser *data* li tikkonċerna unità statistika waħda biss, mingħajr identifikatur dirett;

(13) “*data* aggregata” tfisser *data* li tikkonċerna sett ta’ diversi unitajiet statistiċi;

(14) “popolazzjoni statistika” tfisser is-sett tal-unitajiet statistiċi li dwarhom tkun mixtieqa l-informazzjoni u ikunu meħtieġa l-istimi;

(15) “qafas tal-kampjunar” tfisser lista, mappa jew speċifikazzjoni oħra tal-unitajiet li jiddeterminaw popolazzjoni statistika li trid tiġi kollha kemm hi numerata jew ikkampjunata;

(16) “kampjun” tfisser subsett ta’ qafas tal-kampjunar li l-elementi tiegħu jintgħażlu abbażi ta’ proċess bi probabbiltà magħrufa tal-għażla, iddisinjat biex jippermetti derivazzjoni ta’ stimi validi għall-popolazzjoni statistika;

---

[22] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 Marzu 1993 dwar l-unitajiet tal-istatistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta’ produzzjoni fil-Komunità (ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1), ANNESS-Taqsima III-A

(17) “rispondent” tfisser l-unità tar-rappurtar li tipprovdi informazzjoni lill-awtorità li tkun qed twettaq l-istħarriġ;

(18) “*data* tal-istħarriġ” tfisser id-*data* miġbura minn kampjun ta’ rispondenti u estrapolata għall-popolazzjoni statistika b’metodi matematiċi xierqa;

(19) “rekords amministrattivi” tfisser *data* ġġenerata minn entità amministrattiva, normalment korp pubbliku, li l-għan ewlieni tagħha ma jkunx li tipprovdi l-istatistika;

(20) “sorsi oħra” tfisser *data* ġġenerata minn entità mhux amministrattiva li tinkludi rekords privati, siti web u bażijiet tad-*data*, li l-għan ewlieni tagħha ma jkunx li tipprovdi statistika uffiċjali;

(21) “klassifikazzjoni statistika” tfisser lista ordnata, b’livell wieħed jew aktar ta’ dettall, ta’ kategoriji relatati iżda reċiprokament esklużivi, użati biex jagħtu struttura lill-informazzjoni f’dominju statistiku partikolari skont is-similaritajiet tagħha;

(22) “perjodu ta’ referenza” tfisser perjodu li tirreferi għalih id-*data*;

(23) “perjodu tal-ġbir tad-*data*” tfisser il-perjodu taż-żmien meta tinġabar id-*data*.

(24) “metadata” tfisser informazzjoni meħtieġa biex l-istatistika tkun tista’ tintuża u tiġi interpretata, u li tiddeskrivi d-*data* b’mod strutturat;

(25) “*data* verifikata minn qabel” tfisser *data* verifikata mill-Istati Membri abbażi ta’ regoli komuni miftiehma tal-validazzjoni;

(26) “rapport tal-kwalità” tfisser rapport li jagħti informazzjoni dwar il-kwalità ta’ prodott jew proċess statistiku.

*Artikolu 3*

**Sorsi u metodi**

1. Għall-fini tal-kumpilazzjoni tal-istatistika skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jużaw jew jerġgħu jużaw wieħed mis-sorsi li ġejjin jew kombinament tagħhom diment li jissodisfaw l-istandards tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 8:

(a) *data* tal-istħarriġ;

(b) rekords amministrattivi;

(c) sorsi oħra.

2. L-istħarriġiet użati għall-fini tal-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji għandhom jiġu bbażati fuq kampjuni li jkunu rappreżentattivi tal-popolazzjoni statistika. Il-kampjuni tal-intrapriżi jew tal-unitajiet lokali għandhom jittieħdu mir-reġistri nazzjonali tal-istatistika dwar in-negozji kif definit fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2019/2152.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dettaljata lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar is-sorsi u l-metodi użati fir-rapporti tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 8(4).

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti tad-*data***

1. L-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji għandha tkopri d-dominji u t-temi li ġejjin:

(a) l-introjtu:

– (i) l-istruttura tal-introjtu;

– (ii) id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri;

(b) il-kostijiet lavorattivi:

– (i) l-istruttura tal-kostijiet lavorattivi;

– (ii) l-indiċi tal-kost lavorattiv;

(c) id-domanda għax-xogħol:

– (i) il-postijiet tax-xogħol vakanti.

L-indiċi tal-kost lavorattiv tat-temi, imsemmi fil-punt (b)(ii), u l-postijiet tax-xogħol vakanti, imsemmi fil-punt (c)(i), jinkludu l-istimi bikrija rispettivi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5.

2. Għal kull tema elenkata fil-paragrafu 1, it-temi dettaljati, il-perjodiċità korrispondenti tagħhom, il-perjodi ta' referenza u l-iskadenzi tat-trażmissjoni għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13 biex temenda l-lista tat-temi dettaljati, il-perjodiċità, il-perjodi ta' referenza u l-iskadenzi għat-trażmissjoni stabbiliti fl-Anness.

4. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti ma jimponux piż sinifikanti u sproporzjonat fuq l-Istati Membri u fuq ir-rispondenti. Għal dan il-għan, għandhom jinbdew studji tal-fattibbiltà kif stabbilit fl-Artikolu 9 u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu vvalutati u kkunsidrati kif xieraq.

5. Id-*data* għandha tintbagħat lill-Kummissjoni (Eurostat) fil-forma ta' *data* aggregata, għajr għat-tema tal-istruttura tal-introjtu, imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a)(i), li għaliha għandha tintbagħat mikrodata għal impjegati u unitajiet lokali individwali.

6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-*data* verifikata minn qabel u l-metadata relatata b'format tekniku speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat) għal kull sett tad-*data*. Is-servizzi tal-punt uniku tad-dħul għandhom jintużaw biex jipprovdu d-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat).

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-elementi li ġejjin għal kull tema:

(a) il-lista u d-deskrizzjoni tal-varjabbli;

(b) klassifikazzjonijiet statistiċi u diżaggregazzjonijiet tad-*data*;

(c) miri tal-preċiżjoni;

(d) il-metadata trid tintbagħat bl-istess perjodiċità, perjodu ta' referenza u skadenzi bħad-*data* li tirreferi għaliha;

(e) il-perjodi tal-ġbir tad-*data*.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2) mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza rilevanti.

*Artikolu 5*

**Stimi bikrija**

1. L-istimi bikrija għall-indiċi tal-kost lavorattiv imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (b)(ii) u l-postijiet tax-xogħol vakanti msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (c)(i) għandhom jintbagħtu:

(a) mill-Istati Membri li l-għadd annwali ta' impjegati tagħhom jirrappreżenta aktar minn 3% tat-total tal-UE, għal kull waħda mill-aħħar 3 snin konsekuttivi; u

(b) mill-Istati Membri taż-żona tal-euro li l-għadd annwali ta' impjegati tagħhom jirrappreżenta aktar minn 3% tat-total taż-żona tal-euro, għal kull waħda mill-aħħar 3 snin konsekuttivi;

2. L-ishma tal-impjegati fit-total tal-UE u fit-total taż-żona tal-euro msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni (Eurostat) abbażi tad-*data* annwali disponibbli tal-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol tal-UE.

3. Jekk issir xi bidla fil-lista tal-Istati Membri li l-għadd annwali ta' impjegati tagħhom ikun iżjed mil-limiti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tinnotifika lill-Istati Membri kkonċernati fi żmien 6 xhur minn tmiem il-perjodu tal-valutazzjoni tal-limitu ta' 3%. Jekk l-ishma aġġornati tal-impjegati jkunu inqas mil-limiti rispettivi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jitħallew jieqfu jibagħtu l-istimi bikrija mit-trimestru ta' referenza tal-ewwel sena kalendarja wara d-data tan-notifika. Jekk l-ishma aġġornati jkunu iżjed minn dawk il-limiti, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jibagħtu l-istimi bikrija mill-ewwel trimestru ta' referenza tat-tielet sena kalendarja wara d-data tan-notifika.

*Artikolu 6*

**Unitajiet statistiċi u popolazzjoni statistika**

1. L-istatistika skont dan ir-Regolament għandha tiġi kkompilata għal waħda jew aktar mill-unitajiet statistiċi li ġejjin:

(a) l-intrapriżi;

(b) l-unitajiet lokali;

(c) l-impjegati.

2. Għat-temi tal-indiċi tal-kost lavorattiv, imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (b)(ii) u tal-postijiet tax-xogħol vakanti, imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (c)(i), il-popolazzjoni statistika għandha tikkonsisti mill-intrapriżi kollha jew mill-unitajiet lokali kollha li jkunu residenti fl-Istat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-attività ekonomika ewlenija tagħhom tkun inkluża f'xi taqsima tal-klassifikazzjoni NACE[23], għajr f'"Agrikoltura, forestrija u sajd", "Attivitajiet ta' persuni tad-dar

[23] Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1)

bħala persuni li jħaddmu; attivitajiet mhux differenzjati li jipproduċu oġġetti u servizzi minn persuni tad-dar għall-użu individwali tagħhom" u "Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali" u

(b) ikollhom impjegat wieħed jew aktar.

3. Għat-temi tal-istruttura tal-introjtu, imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a)(i), u tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a)(ii), fir-rigward tad-*data* dwar l-impjegatur, il-popolazzjoni statistika għandha tikkonsisti mill-unitajiet lokali kollha li jkunu residenti fl-Istat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-attività ekonomika tagħhom hi inkluża f'xi taqsima tal-klassifikazzjoni NACE, għajr f'"Agrikoltura, forestrija u sajd", "Attivitajiet persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu u attivitajiet ta' produzzjoni ta' oġġetti – u servizzi – mhux differenzjati minn persuni tad-dar għall-użu tagħhom individwali" u "Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali"; u

(b) ikollhom impjegat wieħed jew aktar.

Għat-temi tal-istruttura tal-introjtu u tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, fir-rigward tad-*data* dwar l-impjegat, il-popolazzjoni statistika għandha tikkonsisti mill-impjegati kollha li l-unità lokali tagħhom tappartjeni għall-popolazzjoni statistika definita fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu.

4. B'deroga mill-punti (a) u (b) tal-paragrafu 3, fir-rigward tad-*data* dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri għall-perjodu ta' referenza 2026, it-trażmissjoni għandha tkopri l-unitajiet lokali kollha li jkunu parti minn intrapriżi b'10 impjegati jew aktar u li, minbarra l-attivitajiet esklużi fil-paragrafu 3, il-punt (a), ma jkunux jappartjenu għat-taqsima "Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja" tal-klassifikazzjoni NACE.

5. Għat-tema tal-istruttura tal-kostijiet lavorattivi, imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (b)(i), il-popolazzjoni statistika għandha tikkonsisti mill-unitajiet lokali kollha li jkunu residenti tal-Istat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-attività ekonomika tagħhom hi inkluża f'xi taqsima tal-klassifikazzjoni NACE, għajr f'"Agrikoltura, forestrija u sajd", "Attivitajiet persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu u attivitajiet ta' produzzjoni ta' oġġetti – u servizzi – mhux differenzjati minn persuni tad-dar għall-użu tagħhom individwali" u "Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali"; u

(b) ikunu parti minn intrapriżi b'10 impjegati jew aktar.

*Artikolu 7*

**Rekwiżiti tad-*data ad hoc***

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 13 billi jispeċifikaw l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri b'bażi *ad hoc* meta, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-ġbir ta' *data* addizzjonali jitqies meħtieġ biex jiġu indirizzati ħtiġijiet addizzjonali ta' *data* statistika. Dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw:

(a) it-temi dettaljati li jridu jingħataw fil-ġbir tad-*data ad hoc* relatat mad-dominji u t-temi speċifikati fl-Artikolu 4 u r-raġunijiet għal dawk il-ħtiġijiet addizzjonali;

(b) il-perjodi ta' referenza u l-iskadenzi tat-trażmissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 li jibdew bis-sena ta' referenza 2028 u b'perjodu minimu ta' sentejn bejn kull ġbir *ad hoc*.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-informazzjoni *ad hoc* imsemmija fil-paragrafu 1 u l-metadata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin, meta xieraq:

(a) il-lista u d-deskrizzjoni tal-varjabbli;

(b) klassifikazzjonijiet statistiċi u diżaggregazzjonijiet tad-data;

(c) speċifikazzjonijiet dettaljati tal-unitajiet statistiċi koperti;

(d) il-metadata li trid tintbagħat;

(e) il-perjodi tal-ġbir tad-*data*.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2) fi żmien 24 xahar qabel jibda l-perjodu ta' referenza rilevanti.

*Artikolu 8*

**Rekwiżiti tal-kwalità u rappurtar tal-kwalità**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tad-*data* u l-metadata mibgħuta.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* miksuba mis-sorsi stabbiliti fl-Artikolu 3 tipprovdi kopertura sħiħa tal-unitajiet statistiċi u l-popolazzjoni statistika definiti fl-Artikolu 6. u tagħti stimi eżatti tagħhom.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji tal-kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

4. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapporti tal-kwalità dwar is-sorsi u l-metodi għal kull wieħed mit-temi elenkati fl-Artikolu 4.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti tal-kwalità u l-kontenut tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

6. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kull informazzjoni jew bidla rilevanti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità tad-*data* trażmessa. L-informazzjoni għandha tingħata mill-aktar fis possibbli u fi żmien 3 xhur minn meta dik il-bidla tidħol fis-seħħ.

7. Wara talba debitament motivata tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-informazzjoni statistika.

8. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-*data* mibgħuta, is-sorsi u l-metodi użati u l-oqfsa tal-kampjunar.

*Artikolu 9*

**Studji tal-fattibbiltà u studji pilota**

1. Biex ittejjeb l-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji jew biex tillimita l-piż fuq l-intrapriżi, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tniedi studji tal-fattibbiltà u studji pilota. Dawn bil-għan li titjieb il-kwalità u l-komparabbiltà, jiġu esplorati possibbiltajiet ġodda, u jiġu implimentati karatteristiċi ġodda skont il-ħtiġijiet tal-utenti, titjieb l-integrazzjoni bejn l-istħarriġiet u sorsi oħra tad-*data*, u jonqos il-piż minn fuq ir-rispondenti. L-istudji għandhom iqisu l-iżviluppi teknoloġiċi u diġitali.

2. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-istudji b'mod volontarju. B'kooperazzjoni mal-Kummissjoni (Eurostat), dawn għandhom jiżguraw li l-istudji jkunu rappreżentattivi fil-livell tal-Unjoni.

3. Ir-riżultati ta' dawk l-istudji għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni (Eurostat) b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ewlenin. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tħejji rapporti dwar is-sejbiet tal-istudji b'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

*Artikolu 10*

**Finanzjament**

1. Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, biex itejbu:

(a) is-sorsi, inkluż l-oqfsa tal-kampjunar, għall-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2029;

(b) il-metodi tal-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji, inkluż l-istudji tal-fattibbiltà u l-istudji pilota msemmija fl-Artikolu 9.

L-Unjoni ma għandhiex tiffinanzja l-kostijiet għall-kumpilazzjoni regolari tal-istatistika li trid tintbagħat skont dan ir-Regolament.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż id-90% tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 11*

**Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu billi jiġu applikati miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, u b'kontrolli effettivi, u jekk jinstabu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, meta xieraq, b'penali amministrattivi u finanzjarji li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' verifiki tad-dokumenti u kontrolli fuq il-post, tal-benefiċjarji

tal-għotja, tal-kuntratturi u tas-subkuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

3. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[25], biex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' xi ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat skont dan ir-Regolament.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, il-kuntratti, il-ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Prosekutur Pubbliku Ewropew u lill-OLAF biex iwettqu dawn l-awditjar u l-investigazzjonijiet skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

*Artikolu 12*

**Derogi**

1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew tal-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan, teħtieġ li jsiru bidliet kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru għal perjodu massima ta' sentejn. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Meta tagħti d-derogi, il-Kummissjoni għandha tqis il-komparabbiltà tal-istatistika tal-Istat Membri u l-kalkolu fil-ħin tal-aggregati Ewropej rappreżentattivi u affidabbli meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li r-rekwiżiti relatati mal-istatistika, il-metadata u l-kwalità koperti b'dan ir-Regolament, li qabel kienu koperti bir-Regolamenti mħassra, jibqgħu jiġu ssodisfati mingħajr interruzzjoni.

2. L-Istat Membru rilevanti għandu jissottometti talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew tal-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan.

*Artikolu 13*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati qed tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

---

[24] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[25] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 4(3) u 7(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal żmien indeterminat minn [*Publications Office: please insert exact date of entry into force of the Regulation*].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 4(3) u 7(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva mill-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(3) u 7(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 14*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 15*

**Revoka**

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 530/1999, (KE) Nru 450/2003 u (UE) Nru 453/2008 qed jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2026.

2. Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1.QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

**1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva**

**1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)**

**1.3. Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma':**

**1.4. Objettiv(i)**

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-alternattivi differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għal riallokazzjoni*

**1.6. Tul u impatt finanzjarju tal-proposta/inizjattiva**

**1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**

## 2.MIŻURI TA' ĠESTJONI

**2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar**

**2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll**

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

**2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet**

## 3.IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

**3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**

**3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet**

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

*3.2.3.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet tal-partijiet terzi*

**3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill |

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

| |
|---|
| 3403 – Il-produzzjoni ta' informazzjoni statistika |

### 1.3. Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[26]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**X fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

| |
|---|
| L-objettiv ġenerali tal-azzjoni hu li toħloq statistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji aġġornata, rilevanti, komprensiva fil-kopertura tas-setturi ekonomiċi ewlenin, komparabbli bejn l-Istati Membri, u konsistenti ma' dominji statistiċi relatati. |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

| |
|---|
| L-objettiv ġenerali jista' jinqasam fi tliet objettivi speċifiċi:<br><br>Il-qafas regolatorju jiġi adattat biex jikseb il-flessibbiltà li tissodisfa l-ħtiġijiet emerġenti, il-pubblikazzjoni ta' statistika aktar fil-ħin, u l-promozzjoni tal-użu ta' sorsi u metodi innovattivi (li l-kwalità tagħhom tkun ġiet ivvalutata kif xieraq);<br><br>Il-kopertura tal-istatistika tiġi estiża għall-ekonomija kollha, u li jkun żgurat li d-*data* dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri tingħata mill-Istati Membri kollha;<br><br>Titjieb il-konsistenza ma' dominji statistiċi relatati. |

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| Ir-riżultati mistennija huma:<br><br>- armonizzazzjoni u komparabbiltà aħjar tal-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji;<br><br>- tneħħija tal-preġudizzji fid-*data* dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti u dwar l-introjtu;<br><br>- *data* aktar fil-ħin dwar l-istruttura tal-intojtu u l-indiċi tal-kost lavorattiv; |

[26] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- rapportar aħjar dwar il-kwalità tad-*data* amministrattiva u innovattiva li terġa' tintuża għal-LMB;

Dawn ir-riżultati se jgħinu biex jiżdied is-sodisfazzjon tal-utenti tad-*data* u biex jitkejlu l-politiki dwar il-pagi minimi u l-ugwaljanza.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Il-prestazzjoni tal-qafas legali l-ġdid għall-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji se tiġi monitorjata u evalwata skont l-objettivi speċifiċi.

Waqt il-fażi ta' implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid, il-Kummissjoni (Eurostat) se tkompli torganizza laqgħat regolari tal-grupp ta' esperti mal-istituti nazzjonali tal-istatistika sħab fl-ESS biex tiddiskuti u tiċċara kull kwistjoni li tista' tinqala'. B'hekk tissokta l-istorja twila ta' kooperazzjoni tajba u mill-qrib bejn il-Eurostat u s-sħab tiegħu fl-ESS dwar kwistjonijiet tekniċi u statistiċi. Il-kooperazzjoni tinkludi t-tħejjija konġunta diliġenti ta' atti ta' implimentazzjoni ewlenin li jirregolaw ir-rekwiżiti dettaljati l-ġodda tad-*data* statistika u tal-metadata, li se jkunu ta' interess kbir għall-utenti tal-istatistika u għall-produtturi. Il-fażi tal-implimentazzjoni hi ppjanata li tiġi konkluża bl-ewwel evalwazzjoni li tiffoka fuq l-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-impatti inizjali tal-qafas legali l-ġdid. Biex tinkiseb informazzjoni biżżejjed dwar il-prestazzjoni, din l-evalwazzjoni hi ppjanata fi żmien 3 sa 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tal-qafas legali l-ġdid. Dan jaqbel mal-gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar li l-evalwazzjonijiet għandu jkollhom aċċess għal mill-inqas 3 snin sħaħ tad-*data*.

Meta tgħaddi għall-fażi tal-applikazzjoni, il-Kummissjoni (Eurostat) qed tippjana li tevalwa l-funzjonament u l-impatt tal-leġiżlazzjoni kull 3 sa 5 snin.

Il-lista tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin possibbli tinsab fit-Tabella 13 tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt (SWD(2023) 265).

Il-Kummissjoni (Eurostat) tipproduċi linji gwida Ewropej komuni dwar l-istatistika u tistabbilixxi rekwiżiti għar-rappurtar tal-kwalità dwar l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika. Ir-rapporti tal-kwalità li l-Istati Membri jeħtieġ jipproduċu jridu jinkludu kontrolli speċifiċi, rilevanti għal dak il-ġbir tad-*data*. Dan għandu jiżgura l-kwalità tad-*data* statistika u l-metadata.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-Regolament propost għandu l-għan li joħloq qafas ġdid biex l-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji tiġi ġġenerata b'mod integrat. Il-ġbir attwali tad-*data* tal-Istati Membri se jiġi armonizzat, simplifikat aktar fil-ħin u l-kopertura tiegħu se tiġi estiża biex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet tal-politika. L-ewwel perjodu ta' referenza ppjanat għall-ġbir tad-*data* skont il-qafas il-ġdid hu fl-2026.

Biex dan il-qafas ġdid jiġi stabbilit u implimentat kif ippjanat, ir-Regolament il-ġdid jenħtieġ jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2024, biex l-atti ta' implimentazzjoni dwar l-ewwel ġbir tad-*data* jkunu jistgħu jiġu adottati wkoll sa tmiem l-2024, jiġifieri mill-inqas 12-il xahar qabel jibda l-ewwel perjodu ta' referenza.

Il-ġbir tad-*data* u tal-metadata tal-informazzjoni trimestrali dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti u l-indiċi tal-kost lavorattiv se jibda fl-ewwel trimestru tal-2026. L-ewwel perjodu ta' referenza għall-ġbir annwali tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u għall-istruttura tal-introjtu ta' 4 snin hu l-2026. L-ewwel perjodu ta' referenza għall-istruttura tal-kostijiet lavorattivi hu l-2028.

Fl-aħħar nett, il-proposta tipprevedi li l-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri jwettqu studji pilota kif meħtieġ u proporzjonati biex ikomplu jimmodernizzaw l-istatistika imsemmija fir-Regolament (filwaqt li jivvalutaw sorsi tad-*data* ġodda, inkluż sorsi miżmuma privatament, u temi statistiċi, u l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda).

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-problemi identifikati fl-evalwazzjoni għandhom ambitu ġenwin fl-UE kollha relatat b'mod ċar ma' lakuni fil-leġiżlazzjoni attwali tal-UE. Mingħajr azzjoni leġiżlattiva ulterjuri tal-UE, dawn il-problemi se jippersistu jew se jmorru għall-agħar.

Il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE aktarx se tkompli ssir inqas effettiva u effiċjenti fl-ilħuq tal-objettivi tagħha. Dawn l-objettivi nbidlu maż-żmien minħabba r-rwol aktar prominenti tal-istatistika użata għall-monitoraġġ tal-politiki. Ir-rilevanza tal-istatistika aktarx se tkompli tonqos għax l-istatistika fil-livell tal-UE mistennija li tkompli tiddifferenzja mill-ħtiġijiet tal-utenti fejn jidħlu l-kopertura u l-puntwalità mixtieqa.

Il-valur miżjud ta' LMB sħiħa u komparabbli hu li tkun kontribut importanti għall-politiki strateġiċi tal-UE (il-politiki monetarji u ekonomiċi, l-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-prinċipju 6 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU). L-LMB tfasslet ukoll biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' ħafna utenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha fl-UE, fir-riċerka u fl-għoti tal-informazzjoni tal-pubbliku ġenerali.

1.5.3. *Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-ġbir obbligatorju tad-*data* b'regoli komuni stabbiliti hu kruċjali biex ikunu żgurati l-kompletezza u l-puntwalità tal-LMB fil-livell tal-UE. Ir-regolamentazzjoni tal-ġabriet volontarji tad-*data* li tkun diġà kompluta ħafna tista' żżid ferm l-effettività u l-effiċjenza għax tista' toħloq valur miżjud konsiderevoli tal-UE b'kost addizzjonali limitat.

In-nuqqas ta' kopertura sħiħa tal-ekonomija mill-ġabriet tad-*data* tal-LMB joħloq preġudizzji, u dawn jikkawżaw diffikultajiet fl-interpretazzjoni eżatta u fl-użu tad-*data*.

Il-ġabriet volontarji tad-*data* huma strument xieraq biex isiru proġetti pilota dwar il-produzzjoni ta' temi jew karatteristiċi ġodda, u biex titrawwem il-kapaċità tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika li jipprovdu din id-*data*. Iżda dawn għandhom it-tendenza li maż-żmien isiru ineffiċjenti għax il-kostijiet rikorrenti tal-produzzjoni jaf ma jirnexxilhom joħolqu valur miżjud sostanzjali tal-UE mil-lat ta' kompletezza fost l-Istati Membri.

Il-leġiżlazzjoni attwali hi riġida wisq biex tibqa' rilevanti maż-żmien. Dan l-intervent sar inqas rilevanti malajr, kif kien diġà beda jsir waqt il-fażi tal-implimentazzjoni tiegħu. Dan minħabba n-nuqqas ta' mekkaniżmi flessibbli biex il-ġabriet tad-*data* jiġu adattati għall-ħtiġijiet li qed jevolvu jew għall-opportunitajiet ta' ingranaġġ maħluqa mid-disponibbiltà ta' sorsi ġodda tad-*data*.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta hi kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali għax hi allinjata mal-programm tas-suq uniku stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/690.

Il-proposta hi kompatibbli wkoll mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea, mar-Regolament (UE) 2019/2152 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju u mar-Regolament (UE) Nru 549/2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, il-proposta ttemm il-modernizzazzjoni tal-istatistika soċjali Ewropea mibdija bir-Regolament (UE) 2019/1700 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata mal-persuni u l-unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura mill-kampjuni, u l-proposta attwali tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni (COM(2023) 31 final).

1.5.5. *Valutazzjoni tal-alternattivi differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għal riallokazzjoni*

Il-ħtiġijiet tal-finanzjament tal-proposta se jiġu koperti mid-deċiżjonijiet tal-finanzjament u l-programmi ta' ħidma annwali rispettivi tal-programm tas-suq uniku u l-programm suċċessur li jinkorpora l-istatistika Ewropea.

## 1.6. Tul u impatt finanzjarju tal-proposta/inizjattiva

☐ tul limitat

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

x **tul mhux limitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2023 sal-2024,
- imbagħad operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[27]

x **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- x mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☐ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lil:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod tal-ġestjoni wieħed, agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| |

[27] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-proposta tobbliga lill-Istati Membri jipprovdu rapporti tal-kwalità dwar id-*data* u l-metadata kollha miġbura skont ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni (Eurostat), b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, trid tħejji rapporti dwar is-sejbiet ta' kull studju pilota mwettaq skont ir-Regolament.

### 2.2. Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Billi l-metodu ta' ġestjoni magħżul għall-proposta hu ġestjoni diretta mill-Kummissjoni, ir-riskji inerenti ewlenin huma dawk relatati mal-ġestjoni tal-akkwist u tal-għotjiet. L-istrateġija tal-Eurostat għall-kontroll tar-riskji tiffoka fuq il-ftehimiet ta' għotja u t-tranżazzjonijiet tal-akkwist. Hi bbażata fuq valutazzjoni tar-riskju u timxi skont il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività. Din jenħtieġ li: (i) tappoġġa l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji; (ii) tistabbilixxi l-qafas għat-tipi kollha ta' attivitajiet tal-kontroll tat-tranżazzjonijiet finanzjarji fil-Eurostat; (iii) tagħti appoġġ biex ir-rata tal-erruri identifikati fil-kontrolli *ex post* fuq il-ftehimiet ta' għotja tonqos għal livell aċċettabbli u tibqa' hemm; (iv) iżżid l-effiċjenza u l-effettività tal-kontrolli; u (v) tnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq il-benefiċjarji u l-Eurostat. Dwar l-akkwist, il-kontrolli preventivi (kontrolli *ex ante*) jinkludu l-evalwazzjoni tar-riskji tal-konċentrazzjoni għat-tranżazzjonijiet tal-akkwist u r-rieżamijiet tal-kwalità *ex post*. Fir-rigward tal-għotjiet, il-kontrolli preventivi (kontrolli *ex ante*) ikopru kontrolli tad-detezzjoni (kontrolli *ex post*), valutazzjonijiet perjodiċi tas-somom f'daqqa, kostijiet unitarji u rati fissi u kontrolli *ad hoc*.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Il-Kummissjoni (Eurostat) żviluppat strateġija tal-kontroll. Il-miżuri u l-għodda f'din l-istrateġija huma applikabbli għalkollox għall-għoti tal-istatistika msemmija fir-Regolament propost. It-tipi ta' bidliet introdotti mill-istrateġija jistgħu jnaqqsu l-probabilità ta' frodi u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tagħhom. Dawn jinkludu t-tnaqqis fil-kumplessità, l-applikazzjoni ta' proċeduri tal-monitoraġġ kosteffettivi u t-twettiq ta' kontrolli *ex ante* u *ex post* ibbażati fuq ir-riskju. L-istrateġija tinkludi wkoll miżuri tas-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ dwar il-prevenzjoni tal-frodi.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha strateġija tal-kontroll fis-seħħ bil-għan li b'mod ġenerali tillimita r-riskju ta' nonkonformità mal-kriterju tal-materjalità għal 2%. Dan jaqbel mal-objettivi tal-kontroll intern u l-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fil-programm statistiku tiegħu (il-programm tas-suq uniku fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali). 100% tat-tranżazzjonijiet finanzjarji (jiġifieri 100% tal-baġit) se jkunu suġġetti għal kontrolli *ex ante* obbligatorji f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Barra minn hekk, se jsiru kontrolli bbażati fuq analiżi profonda tad-dokumentazzjoni

sottostanti abbażi ta' analiżijiet tar-riskju annwali. Dawn il-kontrolli jistgħu jkopru bejn 4-6% tal-baġit totali ġestit mill-Eurostat.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Fit-30 ta' Ottubru 2013, il-Eurostat adotta l-ewwel strateġija tiegħu kontra l-frodi għall-2014-2017 f'konformità mal-istrateġija kontra l-frodi tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2011. L-istrateġija attwali kontra l-frodi tkopri l-perjodu 2021-2024. Din l-istrateġija tispeċifika tliet objettivi operazzjonali: (i) it-tisħiħ tal-miżuri eżistenti kontra l-frodi; (ii) integrazzjoni aħjar tal-proċeduri kontra l-frodi fil-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju tal-Eurostat, u fl-awditjar (l-ippjanar, ir-rappurtaġġ u l-monitoraġġ); u (iii) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u s-sensibilizzazzjoni kontra l-frodi tal-Eurostat bħala parti mill-kultura kontra l-frodi tal-Kummissjoni. Mal-istrateġija kontra l-frodi hemm pjan ta' azzjoni kontra l-frodi. Waqt l-applikazzjoni tagħha, l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi qed tiġi monitorjata darbtejn fis-sena u b'rappurtar lill-maniġment. Ir-riċevituri potenzjali kollha tal-għotjiet huma korpi pubbliċi (istituti tal-istatistika nazzjonali u awtoritajiet nazzjonali oħra kif definit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009). Barra minn hekk, l-għotjiet jingħataw mingħajr sejħiet għall-proposti. Miżuri tal-monitoraġġ tal-ġestjoni tal-għotjiet huma fis-seħħ. Dawn jikkunsidraw il-proċeduri speċifiċi tal-għotjiet u jinvolvu analiżijiet *ex ante* u *ex post* tal-ġestjoni tal-għotjiet. L-użu ta' kostijiet unitarji u somom f'daqqa, f'konformità mal-Artikolu 124(1) tar-Regolament Finanzjarju, inaqqas sostanzjalment ir-riskju tal-erruri relatati mal-ġestjoni tal-għotjiet u b'hekk jissimplifika l-amministrazzjoni tagħhom.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff[28]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[29] | mill-pajjiżi kandidati u mill-kandidati potenzjali[30] | Minn pajjiżi terzi oħrajn | dħul assenjat ieħor |
| | BGUE-BXXXX-03-020500-C1-ESTAT | Diff. | IVA | LE | IVA | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati u mill-kandidati potenzjali | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | L-ebda | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

28 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
29 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
30 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 1 | Suq Uniku, Riċerka u Innovazzjoni |
|---|---|---|

| DĠ: ESTAT | | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Snin ta' wara | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| Linja baġitarja[31] 03 02 05 | Impenji | (1a) | 1.000 | 1.000 | 1.000 | 0.000 | **3.000** |
| | Pagamenti | (2a) | 0.400 | 0.400 | 1.000 | 1.200 | **3.000** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[32] | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ ESTAT** | Impenji | =1a+1b +3 | 1.000 | 1.000 | 1.000 | 0.000 | **3.000** |
| | Pagamenti | =2a+2b+3 | 0.400 | 0.400 | 1.000 | 1.200 | **3.000** |

[31] Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

[32] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 1.000 | 1.000 | 1.000 | 0.000 | **3.000** |
| | Pagamenti | (5) | 0.400 | 0.400 | 1.000 | 1.200 | **3.000** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 1** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 1.000 | 1.000 | 1.000 | 0.000 | **3.000** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 0.400 | 0.400 | 1.000 | 1.200 | **3.000** |

**Jekk il-proposta/inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | 1.000 | 1.000 | 1.000 | 0.000 | **3.000** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 0.400 | 0.400 | 1.000 | 1.200 | **3.000** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Din it-taqsima jenħtieġ li timtela billi tintuża d-"*data* baġitarja ta' natura amministrattiva" li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness 5 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tat-taqsima tal-Kummissjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Snin ta' wara | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: ESTAT | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 1.210 | 1.210 | 1.210 | 0.000 | 3.630 |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0.035 | 0.035 | 0.035 | 0.000 | 0.105 |
| **TOTAL TAD-DĠ ESTAT** | Approprjazzjonijiet | 1.245 | 1.245 | 1.245 | 0.000 | 3.735 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | 1.245 | 1.245 | 1.245 | 0.000 | 3.735 |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Snin ta' wara | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 2.245 | 2.245 | 2.245 | 0.000 | 6.735 |
| | Pagamenti | 1.645 | 1.645 | 2.245 | 1.200 | 6.735 |

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2025** | | Sena **2026** | | Sena **2027** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | |
| | Tip[33] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU 1 | | | Il-qafas regolatorju jiġi adattat biex jikseb il-flessibbiltà li tissodisfa l-ħtiġijiet emerġenti, il-pubblikazzjoni ta' statistika aktar fil-ħin, u l-promozzjoni tal-użu ta' sorsi u metodi innovattivi li l-kwalità tagħhom tkun ġiet ivvalutata kif xieraq; | | | | | | | |
| - Statistika | | 0.267 | | 0.200 | | 0.200 | | 0.400 | | 0.800 |
| Subtotal tal-Objettiv Speċifiku 1 | | | | 0.200 | | 0.200 | | 0.400 | | 0.800 |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU 2 | | | Il-kopertura tal-istatistika tiġi estiża għall-ekonomija kollha, u li jkun żgurat li d-*data* dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri tingħata mill-Istati Membri kollha | | | | | | | |
| - Statistika | | 0.683 | | 0.750 | | 0.750 | | 0.550 | | 2.050 |
| Subtotal tal-Objettiv Speċifiku 2 | | | | 0.750 | | 0.750 | | 0.550 | | 2.050 |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU 3 | | | Titjieb il-konsistenza ma' dominji statistiċi relatati | | | | | | | |
| - Statistika | | 0.05 | | 0.050 | | 0.050 | | 0.050 | | 0.150 |
| Subtotal tal-Objettiv Speċifiku 3 | | | | 0.050 | | 0.050 | | 0.050 | | 0.150 |
| **TOTALI** | | | | 1.000 | | 1.000 | | 1.000 | | 3.000 |

33 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jingħataw (eż.: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' km tat-toroq mibnija, eċċ.).

### 3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– x Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | |
| Riżorsi umani | 1.210 | 1.210 | 1.210 | 3.630 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0.035 | 0.035 | 0.035 | 0.105 |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 1.245 | 1.245 | 1.245 | 3.735 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Barra mill-INTESTATURA 7**[34] **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | |
| Riżorsi umani | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | 1.245 | 1.245 | 1.245 | 3.735 |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali tal-allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

34 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– xIl-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
|---|---|---|---|---|
| • Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju) | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 6 | 6 | 6 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | |
| • **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)**[35] | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | 2 | 2 | 2 |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz**[36] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | |
| **TOTAL** | | **8** | **8** | **8** |

**3** hu l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali tal-allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Ħidma metodoloġika għall-implimentazzjoni tajba tal-kunċetti, id-definizzjonijiet u<br>l-metodi statistiċi<br>Ħidma tal-produzzjoni tad-*data* għall-wasla, l-ipproċessar, il-validazzjoni u l-pubblikazzjoni tad-*data* u<br>l-metadata<br>Analiżi tad-*data*, pubblikazzjonijiet u appoġġ għall-utenti<br>Kooperazzjoni statistika regolatorja<br>Kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet statistiċi |
| Persunal estern | IT u ħidma teknika oħra li tappoġġa l-produzzjoni u l-analiżi tad-*data* |

35 AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

36 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/inizjattiva:

– X tista’ tiġi ffinanzjata għalkollox b’riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

| |
|---|
| Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, u speċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Agħti tabella Excel f’każ ta’ riprogrammazzjoni kbira. |

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat fl-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali definiti fir-Regolament dwar il-QFP.

| |
|---|
| Spjega x’inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li jridu jintużaw. |

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

| |
|---|
| Spjega x’inhu meħtieġ u speċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet tal-partijiet terzi*

Il-proposta/inizjattiva:

– x ma tipprevedix kofinanzjament mingħand partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament mingħand partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f’miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[37] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp tal-kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[37] Is-Sena N hija s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva. Ibdel “N” bl-ewwel sena tal-implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta’ wara.

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

– indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/inizjattiva[38] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|
| |

Rimarki oħra (eż. il-metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew informazzjoni oħra).

| |
|---|
| |

38 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20% fil-kostijiet tal-ġbir.